# Rapport ta' ħidma

**Dekasteru**: Sport u Innovazzjoni

**Kunsill Lokali**: Belt Valletta

**Perjodu**: Lulju 2019 - Diċembri 2019

**Kunsillier**: Christian Micallef

---

Matul l-ewwel sitt xhur ta' din il-leġislatura l-ġdida tal-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta, komplejt naħdem fil-qasam tal-iSport bl-istess mod li kont qed naħdem fiħ fl-aħħar leġislatura meta servejt bħala Viċi Sindku u Sindku (fl-aħħar sitt xhur tal-aħħar leġislatura). Id-dekasteru fdat lili mis-Sindku kien jinkludi ukoll l-innovazzjoni u f'dawn l-ewwel xhur, kif se nispjega, kell laqgħat u għamilt xogħol biex dan il-qasam jingħata l-importanza tiegħu ukoll.

## Sport

Il-Belt Valletta possibilment hi l-aktar lokalità f'Malta fejn għandha klabbs sportivi f'dixxiplini differenti li jirrapreżentawha. Dan ifisser li dan hu qasam importanti għall-lokalità u għall-Kunsill Lokali u dan jien naprezzah anke għaliex twelidt u ngħix fl-ambjent sportiv.

Meta s-Sindku preżenti, is-Sur Alfred Zammit oġbu jagħtini dan id-deksateru bħala parti mir-responsabiltà tiegħi, ilqajt l-aħbar b'sodisfazzjon iżda fuq kollox b'determinazzjoni sabiex inkompli naħdem kif kont qed nagħmel fl-aħħar sitt snin. Filwaqt li l-idea tiegħi hi li eventwalment inwaqfu kunċett grupp wieħed li jista' jissejjaħ Valletta Sport Network, fejn ikun hemm ir-rappreżentanza

tal-għaqdiet sportivi kollha Beltin, f'dawn l-ewwel sitt xhur għażilt li nuża' il-ħin tiegħi biex bħala Kunsillier niltaqa' mal-klabbs rispettivi, kemm mal-kumitati kif ukoll mal-amministraturi u l-atleti b'mod individwali, sabiex inkompli nifhem aħjar l-esiġenzi iżda fuq kollox l-isfidi li huma qed iħabtu wiċċhom ta' kuljum. Meta wieħed iżomm f'moħħu li fil-Belt Valletta għadna klabb sportiv li hu affiljat f'aktar minn tmien assoċjazzjonijiet sportivi nazzjonali, u f'dixxiplini minnhom, bħal fil-każ tal-futbol, table football, billiard u boċċi, hemm aktar minn klabb wieħed li jġorr l-isem ta' Valletta, inħoss li fil-mument m'għandux jitwaqqaf sotto-kumitat għall-isport mill-Kunsill Lokali, sempliċiment biex inkunu għamilna dan u mingħajr ma jkollu funzjoni ċara.

Għaldaqstant għażilt li nkompli naħdem bl-istess mod li kont qed naħdem fl-aħħar snin u li kien apprezzat mill-istess għaqdiet u klabbs sportivi Beltin, ċioè li nagħmel dan li ġej:

**Kuntatt miftuħ ma' kull klabb u għaqda sportiva fil-Belt Valletta** sabiex sabiex noffri d-disponibilità tiegħi biex bħala Kunsillier, iżda wisq aktar persuna li għandi involviment dirett fil-qasam sportiv, nagħti l-għajnuna tiegħi lill-kumitati kollha, partikolarment pariri u suġġerimenti fil-ħidma amministrattiva tal-klabb.

Uħud mill-klabbs saħansitra talbuni biex flimkien infaslu pjan għas-sena li ġejja jew fit-tul sabiex jintlaħqu miri partikolari, fosthom biex inkabbru kultura sportiva fost it-tfal tagħna fil-Belt Valletta.

**Għajnuna lill-klabbs Beltin biex jilħqu ċertu miri.** Il-verità hi li fil-Belt Valletta hemm klabbs sportivi li huma kbar u li m'għandhomx

bżonn lili jew lill-Kunsill Lokali sabiex ngħinuhom sabiex jilħqu ċertu miri, partikolarment dawk biex ifitxxu sponsors li jkunu jistgħu jgħinuhom matul l-istaġun. Klabbs bħal dawk tal-futbol u tal-waterpolo, per eżempju, huma b'saħħithom biżżejjed biex jagħmlu dan iżda fl-istess waqt klabbs jew għaqdiet oħra żgħar bħal per eżempju dawk ta' dixxiplini sportivi anqas popolari, ikollhom bżonn l-għajnuna biex ifittxu kumpaniji kummerċjali li jagħtuhom l-appoġġ finanzjarju tagħhom. F'dawn is-sitt xhur għent numru ta' klabbs Beltin biex jagħmlu dan u sabiex inaqqsu l-ispiża finanzjarja tagħhom. Dan mhux kollox, issuġerejt modi ta' kif jistgħu jagħmlu attivitajiet li permezz tagħhom jiġġeneraw qligħ li jmur għall-klabb.

**Promozzjoni tal-klabbs u l-għaqdiet sportivi Beltin fil-media.** Bħala persuna li naħdem fil-qasam tal-ġurnaliżmu sportiv, f'dawn ix-xhur komplejt nagħti gwida lill-klabbs fil-Belt Valletta, kif għandhom isaħħu d-dehra tagħhom permezz tal-paġna tagħhom fuq Facebook u fil-media soċjali iżda ukoll billi r-riżultati sportivi fil-kompetizzjonijiet li huma jkunu qed jipparteċipaw fihom u l-ħidma li jkunu qed jagħmlu fost it-tfal u ż-żgħażagħ Beltin, tiġi rrelamata aħjar u b'mod organizzat u strateġiku fil-meżżi tax-xandir. B'dan il-mod il-klabbs tagħna jkunu qed juru s-serjetà tagħhom fil-mod ta' kif jaħdmu iżda ukoll isem il-lokalità fl-isport ikompli jkun marbut ma' dak li hu l-aqwa fl-isport Malti.

**Bdejt naħdem fuq l-organizazzjoni tat-tieni edizzjoni tal-Valletta 5K Challenge Run.** L-ewwel edizzjoni tagħha saret f'April li għadda meta kont Sindku, u issa li m'għadnix, issuġerejt lis-Sindku preżenti biex bħala Kunsill Lokali nerġgħu norganiżżawha. Din l-attività tgħin sabiex jinġabru flus għal proġett sportiv partikolari u

differenti ta’ kull sena li permezz tiegħu igawdu minnhu t-tfal Beltin. F’April li għadda, ġbarna flus biżżejjed sabiex xtrajna defibrillator tal-qalb għal Valletta FC Youth Development Sector biex it-tfal tagħna jkunu f'ambjent dejjem sikur u f'każ ta' bżonn ta' intervent mediku fil-pront, dan ikun jista' jingħata mal-ewwel. Issa bdejt il-ħidma biex din is-sena nagħmlu niġbru l-flus għal proġett ieħor.

## Innovazzjoni

Dan is-settur hu ġdid fil-qasam tal-ħidma tiegħi iżda fl-istess waqt sibtu interessanti u ta’ sfida. F’dawn is-sitt xhur kelli numru ta’ laqgħat u diskussjonijiet ma’ persuni differenti li jaħdmu f’dan il-qasam, u li magħhom tkellimt dwar idejat ta’ kif bħala l-lokalità iżda wisq aktar bħala Belt Kapitali, nisfrutaw dan il-qasam aħjar bi proġetti kreattivi.

Matul dawn l-aħħar xhur, is-Sindku ħares bl-idea li r-residenti Beltin jkollhom is-servizz tal-Internet b’xejn u għal kulħadd. Jien appoġajt din l-idea u wara li ddiskutejt ma’ persuni li jaħdmu f’dan il-qasam, issuġerejt metodi kif nistgħu nagħmlu dan il-proġett aħjar, sostenibbli u informattiv.

Inħares li nkompli naħdem f’dan il-qasam, bl-istess mod li nkompli naħdem fl-ambjent sportiv, bl-istess mod fix-xhur li ġejjin sabiex nagħtu r-riżultati mixtieqa li permezz tagħhom igawdu r-residenti u l-lokalità tagħna.

**Christian Micallef**

**Minority Leader u Kunsillier Kunsill Lokali Belt Valletta**